MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2013

Numru. 384/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs**

**Edward Spalding**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Edward Spalding ta' 26 sena, iben John u Maria Carmen xebba Agius, imwieled Pieta` nhar is-27 ta' Jannar 1986 u residenti Nru. 78, Triq Erin Seracino-Inglott, Bormla u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 66586M;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fl-4 ta' Marzu 2012 u fil-hames snin ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni operattiv ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), presjeduta mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D. nhar il-11 ta' Ottubru 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, nkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fedina penali tieghu li ghalkemm mhix netta, lanqas ma hija wahda allarmanti, b'dan illi l-imputat kien instab hati li kkommetta

reat li jinvolvi d-droga f'okkazzjoni ohra, dwar liema reat fil-fatt inghata liberazzjoni kundizzjonata ghal zmien sentejn.

Il-Qorti qieset ukoll illi fit-trattazzjoni taghha dwar il-piena, id-difiza ssottomettiet illi l-imputat qieghed volontarjament isegwi programm fi hdan l-Agenzija Caritas u ilu jaghmel dan ghal dawn l-ahhar sitt xhur, izda xorta wahda jehtieg l-ghajnuna sabiex ikompli jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga – vizzju li l-imputat ilu ghaddej bih ghal zmien twil, tant li skond l-istqarrija rilaxxjata minnu fl-4 ta' Marzu 2012, huwa ilu jabbuza mill-*cannabis* mill-eta` ta' tnax-il sena[1]. Fic-cirkostanzi, u in vista tal-fatt illi l-imputat minn jeddu wera r-rieda illi jirriabilitu ruhu minn dan il-vizzju, u ha passi konkreti sabiex dan ikun jista' jaghmlu, il-Qorti thoss illi l-imputat ghandu jinghata opportunita` ohra bit-tama li jibqa' miexi fit-triq it-tajba.

Ghalhekk fic-cirkostanzi, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 23(1)(a) u (2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, mhijiex ser tittratta mal-imputat dwar it-tieni imputazzjoni ossia fir-rigward tar-reati li dwarhom instab hati permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-11 ta' Ottubru 2011 u li permezz taghha inghata liberazzjoni kondizzjonata. Dan ghaliex jekk il-Qorti taghmel dan, tkun kostretta illi timponi piena karcerarja effettiva illi, ghar-ragunijiet fuq imsemmija, zgur illi ma tkunx piena idonea. Madankollu, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni dan il-fatt fir-rigward tal-piena li ser tigi nflitta dwar l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 23(1)(a) u (2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, tikkundannah ghal piena ta' multa ta' erba' mija u sebghin Euro (€470) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili

[1] A fol. 7 tal-process.

u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta’ din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut miinnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull €35 jew parti minnhom dovuti.

In oltre b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ *Probation* hawn anness, li ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti m’hijiex qeghda tittratta mal-hati dwar il-ksur tal-liberazzjoni kundizzjonata moghtija lilu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta’ Ottubru 2011, kif fuq inghad.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ *Probation* jew jekk jonqos illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-*Probation*, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation.*

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument VA3, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------